



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 26 ta' Settembru 2012 (27.09)
(OR. en)**

14240/12

**Fajls interistituzzjonali:
2012/0232 (COD)**

**PECHE 368
CODEC 2233**

NOTA PUNT "I"

minn:	Segretarjat Ġenerali
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Nru prop. Cion:	13264/12 PECHE 315 CODEC 2029 - COM(2012) 471 final
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti miżuri tekniċi u ta' kontroll fl-Iskagerrak u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 850/98 u r-Regolament (KE) Nru 1342/2008 - Konsultazzjoni fakultattiva tal-Kumitat tar-Reġjuni ¹

1. Fid-29 ta' Awwissu 2012, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti miżuri tekniċi u ta' kontroll fl-Iskagerrak u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 850/98 u r-Regolament (KE) Nru 1342/2008. Il-proposta kien fiha suġġeriment li, fuq bażi fakultattiva, il-Kumitat tar-Reġjuni jiġi kkonsultat.

¹ L-uniku skop ta' din in-nota huwa li tittieħed deċiżjoni dwar il-konsultazzjoni ta' istituzzjoni oħra/korp ieħor u mhux dwar is-sustanza.

2. L-għan tal-proposta huwa li jiġu adottati l-miżuri neċessarji għal projbizzjoni tal-iskart fl-Iskagerrak li kienet ir-riżultat ta' konsultazzjonijiet bejn l-UE u n-Norveġja dwar din il-kwistjoni. Uħud minn dawn il-miżuri huma previsti li jibdew fl-1 ta' Jannar 2013. Il-proposta għandha wkoll rabtiet mar-riforma proposta tal-Politika Komuni tas-Sajd għalkemm il-Kummissjoni, fil-proposta tagħha, ssostni li mhijiex qed tiġġudika minn qabel din ir-riforma. Din il-proposta tikkonċerna reġjun speċifiku, l-Iskagerrak, u għalhekk tista' wkoll titqies bħala parti mill-proċess ta' "reġjonalizzazzjoni".
3. L-Artikolu 43 tat-TFUE jipprevedi li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jaġixxu f'konformità mal-proċedura legiſlattiva ordinarja u wara li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali. Għalhekk, l-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni mhijiex neċessarja. Madankollu, peress li din il-proposta tirrigwarda reġjun speċifiku, jidher xieraq li l-Kumitat tar-Reġjuni wkoll jiġi kkonsultat dwar il-Proposta preżenti.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jiddeċiedi, f'konformità mal-Artikolu 19(7)(h) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, li jikkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Proposta ta' hawn fuq u li jitolbu jaġhti l-opinjoni tiegħu sa tmiem is-sena minħabba l-fatt li ċerti aspetti tal-proposta huma previsti li jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013.